OMBUDSMAN

MALTA

**Każ Nru CEDUC-24-4468**

14 ta’ Novembru 2024

L-Onorevoli Dott Angelo Farrugia
Speaker
Kamra tad-Deputati
Pjazza Ħelsien
Il-Belt Valletta

Onorevoli Speaker

Fit-termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman qiegħdin nibgħatu kopja tar-Rapport Finali, flimkien ma’ dan ir-*resumé* tal-każ u korrispondenza oħra relevanti, biex jinġiebu għall-attenzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra u biex jitpoġġew fuq il-mejda tal-Kamra għall-attenzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati. Dan ir-rapport sar wara investigazzjoni kondotta dwar l-ilment miġjub mill-Union of Professional Educators (UPE).

## ***Resumé***

Il-unjin hawn aktar ‘l fuq imsemmija ilmentat li, wara li kienet tat direttivi lill-membri tagħha dwar ċerti azzjonijiet industrijali, xi membri tagħha ġew assoġġettati għal trattament li kien jammonta għal ‘harassment’; ilmentat ukoll li l-membri tagħha, meta ġew biex jobdu d-direttivi tagħha, kienu qed jintalbu (mill-awtoritajiet tal-edukazzjoni) biex jipproduċu mill-istess unjin ‘personalised union directive’, ħaġa li ma kinitx tintalab meta membri ta’ unjin oħra isegwu id-direttivi ta’ dik il-unjin l-oħra. Il-UPE allegat li dan kollu kien imur kontra l-libertà ta’ assoċjazzjoni trejdunjonistika.

Wara eżami akkurat tal-provi kollha, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni kien tal-fehma li xi inċidenti sporadiċi li kien hemm f’xi skejjel bejn membri tal-UPE u xi kapijiet tal-iskola ma kinux ta’ serjetà jew konsistenza li jiskattaw l-Artikolu 22(1)(b) tal-Att dwar l-Ombudsman, u ma kinux jammontaw għal ‘harassment’ u dan kollu kif spjegat fil-paragrafu 5 tal-anness Rapport Finali tal-4 ta’ Ottubru 2024.

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Fax: +356 2124 7924 | Email: office@ombudsman.org.mt www.ombudsman.org.mt

OMBUDSMAN

MALTA

Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni, iżda, kif imfisser fil-paragrafi 6 sa 8 tal-istess Rapport, wasal għall-konklużjoni li l-impożizzjoni tal-ħtieġa ta' 'personalised union directive' fil-każ ta' membri tal-UPE, kien att ta' malaministrazzjoni kemm għax tali impożizzjoni hija *prima facie* bi ksur tal-liġi, kif ukoll għaliex, kemm fil-konfront tal-UPE kif ukoll tal-membri tagħha, hija impożizzjoni irraġonevoli u inġusta, u għandha 'chilling effect' fuq is-sħubija libera u bla xkiel ta' unjin kif garantita bl-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Konsegwentament il-Kummissarju għall-Edukazzjoni irrakkomanda li l-Awtoritajiet tal-Edukazzjoni jieqfu milli jkomplu jinsistu fuq l'hekk imsejħa 'personalised union directive' skont iċ-ċirkolari DG DES 14/2024.

Ir-Rapport Finali ġie komunikat lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli mill-Edukazzjoni fl-4 ta' Ottubru, 2024.

Fit-28 ta' Ottubru 2024 l-imsemmi Segretarju Permanenti informa lil dan l-Uffiċċju li l-Ministeru responsabbli mill-Edukazzjoni ma kienx ser jattwa r-rakkomandazzjoni, u dan għal raġunijiet li dan l-Uffiċċju jikkunsidra inġustifikabbli (ara r-risposta ta' dan l-Uffiċċju tat-30 ta' Ottubru 2024, hawn ukoll annessa).

Fil-31 ta' Ottubru 2024 aħna ktibna lill-Onorevoli Prim Ministru fit-termini u għall-fini u effetti tal-Artikoli 17C(1) u 22(4) tal-Kap 385.

Billi sal-lum is-sitwazzjoni jidher li baqgħet l-istess, qed nippreżentawlek dan ir-rapport għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Insellu għalik

Judge Joseph Zammit McKeon
Ombudsman

Vincent A De Gaetano
Kummissarju għall-Edukazzjoni

Dokumenti annessi:

Rapport Finali – 4 ta' Ottubru 2024;
Ittra tas-Segretarju Permanenti MEYR – 28 ta' Ottubru 2024;
Risposta tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni (b'dokument anness magħha) – 30 ta' Ottubru 2024; u Ittra lill-Onor Prim Ministru – 31 ta' Ottubru 2024.

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Fax: +356 2124 7924 | Email: office@ombudsman.org.mt
www.ombudsman.org.mt